# META L-KUNĊIZZJONI ĠIET KMANDATA

*Kitba ta' Anton Attard*

Sa l-ewwel snin ta' dan is-seklu, l-iżvilupp industrijali kien qabad ġmielu. L-għajxien tal-biċċa l-kbira tal-familji ma baqax jiddependi biss mill-agrikoltura, sajd u xogħol simili, iżda sar aktar jiddependi minn impjiegi fid-diversi industriji li ġew stabbiliti u mill-kummerċ li dawn ħolqu magħhom.

F'dawn iċ-ċirkostanzi ġodda, il-ħaddiem kattoliku beda jsibha iebsa biex josserva l-obbligi ta' għadd imdaqqas ta' festi kmandati li kienu jinkludu s-smigħ tal-quddies u l-waqfien mix-xogħol. Kemm il-ħinijiet tax-xogħol kif ukoll l-esiġenzi tas-sidien, bosta minnhom mhux insara, ma kenux jippermettu dan.



Il-Papa Piju X

Kien jidher ċar li kien hemm bżonn ta' riforma f'dan ir-rigward. Din ġiet fis-seħħ permezz ta' *Motu Proprio* li ħareġ il-Papa Piju X fit-2 ta' Lulju 1911 u ppublikat f'Malta fis-17 ta' l-istess xahar. Permezz tiegħu, il-festi kmandati tnaqqsu għal 8, li fit-terminoloġija tagħna l-Maltin kienu:

L-Ewwel tas-Sena, it-Tre Re, Lapsi, l-Imnarja, Santa Marija, il-Qaddisin Kollha, il-KUNĊIZZJONI, il-Milied.[1]

## QABEL IL-MOTU PROPRIO

Qabel il-ħruġ tal-Motu Proprio, f'Malta konna nosservaw żewġ kategoriji ta' festi/ Dawk magħrufin bħala 'd'intero precetto' jew kmandati, li kienu 12. Dawn fihom kien hemm l-obbligu tas-smigħ tal-quddies u l-waqfien mix-xogħol. Fost dawn kellna tnejn partikulari - In-Nawfraġju u l-Konverżjoni ta' San Pawl, titular tal-Katidral tagħna.

Kellna wkoll 24 oħra magħrufin bħala 'di mezzo precetto'. Dawn kellhom biss l-obbligu tas-smigħ tal-quddies. Prominenti fost dawn kien hemm il-Kunċizzjoni, il-Vitorja, San Lawrenz u l-Appostli.

## WARA L-MOTU PROPRIO

Ir-reazzjoni tal-Kurja ta' Malta wara l-ħruġ tal-*Motu Proprio* jidher li kienet xi ftit konfuża. Permezz ta' Ċirkulari lill-Kappillani eċċ, li ħarġet fil-21 ta' Awissu, firmata mill-Vigarju Ġenerali Mons. Luigi Attard u mill-Kanċillier Dun Franġisk Vella, tħabbru t-8 festi kmandati kif awtorizzat mis-*Santa Sede*. Tħabbar ukoll li Mons. Arċisqof Pietru Pace kien għamel supplika biex hawn Malta jżommu posthom in-Nawfraġju u l-Konverżjoni ta' San Pawl. Żdied ukoll, li ntalbet kjarifika dwar il-festi *'di mezzo precetto'*. Għalhekk ġie dikjarat li sakemm tasal tweġiba dwarhom, l-obbligi marbutin magħhom kellhom jibqgħu fis-seħħ.[2]

Minn Ċirkulari oħra maħruġa għaxart ijiem wara, il-kappillani ġew infurmati li l-pożizzjoni tal-festi *'di mezzo precetto'* ġiet iċċarata. Skond Digriet tas-*Sacra Congregazione dei Riti*, maħruġ fit-8 ta' Awissu, u li wasal Malta 12-il jum wara, dawn ġew aboliti u minnhom kien tneħħa l-obbligu tas-smiegħ tal-quddies.[3]

## IL-KUNĊIZZJONI, IN-NAWFRAĠJU U L-KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Fi tmiem iċ-Ċirkulari msemmija nkiteb li dwar il-Kunċizzjoni u xi festi oħra (In-Nawfraġju u l-Konverżjoni ta' San Pawl) kienet mistennija tweġiba mis-*Santa Sede*. Din kellha titħabbar appena tasal.

Sadanittant, biex jittratta mas-*Santa Sede* kien mar Ruma Mons. Isqof Angelo Portelli OP, Awżiljarju tad-Djoċesi, li kien ħalla Malta, imsieħeb mill-kappillan tiegħu Dun G. Buttigieg, fil-21 ta' Awissu.[4]

Li jqanqal ċerta kurżità hu l-fatt, li minkejja li permezz tal-*Motu Proprio*, il-Kunċizzjoni ġiet dikjarata universalment festa kmandata, hawn Malta, għalkemm b'riserva, baqgħet titqies ma' dawk li kienet qabel, jiġifieri *'di mezzo precetto'*. Aktar u aktar tikber il-kurżità meta kien ġa sar magħruf li s-*Santa Sede* kienet ikkonċediet in-Nawfraġju.[5] X'kien qed iżomm lill-Kurja ta' Malta li tiddikjara wkoll lill-Kunċizzjoni? Jista' jkun li kien hemm il-ħsieb, li f'każ ta' oġġezzjoni mill-Vatikan għall-Konverżjoni ta' San Pawl, din tinbidel mal-Kunċizzjoni.

L-Isqof Portelli ġie lura Malta fl-10 ta' Settembru u jidher li l-missjoni fdata lilu qdieha perfettament. Il-kelma konvinċenti u d-diplomazija li kien magħruf għalihom kienu effettivi anke fil-Vatikan. Għalkemm id-deċiżjoni tas-*Santa Sede* ġiet komunikata uffiċjalment lill-poplu Malti permezz ta' Pastorali li ħareġ l-Arċisqof Pace fit-28 ta' Novembru,[6] in-nies kienet ilha taf li l-Vatikan aċċetta t-talba ta' Malta dwar iż-żewġ festi Pawlini u li ma' dawn żammet postha l-Kunċizzjoni.

## FERĦ KBIR F'BORMLA

Ma jistax jonqos li, wara li ġriet l-aħbar, f'Bormla ma jkunx hemm ferħ kbir. L-Arċipriet Cauchi minnufih bagħat telegramm ta' ringrazzjament lill-Vatikan, f'isem il-kapitlu, il-kleru u l-poplu ta' Bormla.[6a] Dan il-ferħ deher fl-aqwa tiegħu il-Ħadd, 19 ta' Novembru, meta waqt ċerimonja ta' l-okkażjoni fil-Knisja Santwarju ta' Bormla, Mons. Gauci, Segretarju ta' l-Arċisqof Pace, waqt diskors ta' tliet kwarti kkonferma l-aħbar li l-Kunċizzjoni, minn dik is-sena stess, se tkun festa kmandata.

Ma tmiem id-diskors tal-Monsinjur, indaqqet mota solenni ta' siegħa li ssieħbet ma' l-isparar tal-murtali u l-musketterija. Fl-istess ħin, il-Banda San Ġorġ daret it-toroq prinċipali ta' Bormla ddoqq il-marċi, waqt dimostrazzjoni li saret bl-istatwa tal-Papa Piju X.[7]

L-entużjażmu ta' dawk il-jiem qanqal lil xi wħud biex, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, iqabblu xi versi u jippublikawhom f'xi ġurnal popolari. Fost dawn kien hemm dawk ta' kittieb anonimu li xxandru fil-ġurnal 'Malta Tagħna':[7a]

Tifraħ Bormla raġun għandek,
Għax fost l-oħrajn kont ixxurtjata,
Xi festi oħra spiċċaw nieqsa
U dik tiegħek ġiet kmandata.

Nirringrazzjaw lill-Isqof Pace
Talli hu talab għalina,
u lill-Kapitlu minn ta' Bormla
Ta' l-impenn li mar jurina.

Viva l-isem ta' Marija.
Viva l-Verġni Immakulata.
Viva l-Papa Piju Għaxra
Għax tahielna ikkmandata.

## IL-FESTA TA' DIK IS-SENA

Ma setax jonqos li dik is-sena l-festa ma tkunx mistennija aktar mis-soltu. Iċ-ċelebrazzjonijiet interni saru b'aktar solennità sa mill-Erbgħa, 6 ta' Diċembru. Il-funzjoni ta' fil-għaxija bdiet fl-4.30 p.m., meta orkestra numeruża akkompanjat il-kant ta' l-*'Ave Maris Stella'*, is-*'Salve Regina'* u l-*'Litania Lauretana'*, flimkien ma' l-Antifona *'Beata Mater'*.

Il-Ħamis, l-aħħar jum tan-Novena, beda b'Quddiesa Solenni fil-5.00 a.m., fejn wara l-aħħar priedka mill-Kanonku Dun Franġisk Moretti, ġie ntunat it-*'Te Deum'*, fost id-daqq ferrieħi tal-qniepen kollha ta' Bormla.

Wra nofs in-nhar, fit-3.00 p.m. bdiet it-Traslazzjoni tar-Relikwija li tmexxiet mill-Isqof Angelo Portelli O.P., li ffunzjona wkoll waqt il-kant tal-Vespri. L-orkestra kienet diretta mis-Surmast Riccardo Bugeja, li għall-okkażjoni kien ħa miegħu uħud mill-aqwa kantanti tat-Teatru Rjal.

Iċ-ċelebrazzjonijiet interni ta' jum il-festa bdew kmieni fil-5.00 a.m. bil-kant tal-Matutin u r-Responsorji flimkien ma' l-orkestra. Fid-9.15 a.m. ħarġet Quddiesa Pontifikali li tqaddset mill-istess Isqof Portelli. L-Arċisqof Pietru Pace assista mit-tron. Il-Paniġierku għamlu l-predikatur famuż Dumnikan, P.Lett. Ġużepp Xuereb.8



Il-knisja armata fl-1911 meta ġiet kmandata

Iċ-ċelebrazzjonijiet komplew fis-2.30 p.m. bil-kant tal-Vespri u fl-4.30 p.m. bdiet ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa devota tal-Kunċizzjoni.

## IL-FESTI TA' BARRA

Il-festi esterni, minkejja li t-temp ma tantx kien ideali, m'għamlux għajb lil dawk ta' ġewwa. L-Erbgħa fis-6.00 p.m. beda l-Marċ bl-istatwa tal-Papa Piju X mill-Banda Bormliża San Ġorġ. Din kompliet il-lejla bi programm fuq il-planċier fi *Piazza Antico Mercato.*

L-għada fis-7.00 a.m., l-istess banda għamlet marċ mat-toroq prinċipali ta' Bormla, fejn l-entużjażmu u l-briju ta' l-għadd kbir ta' nies li segwew kien mill-aqwa. Fil-għaxija saru programmi miż-żewġ baned tal-Birgu *'Prince of Wales'*, li daqqet fi *Piazza Antonio Mercato*, filwaqt li l-Banda *Duke of Edinburgh* kienet fi *Piazza Santa Margherita.* Kif din temmet il-programm tagħha, fl-istess pjazza inħaraq il-logħob tan-nar.

F'jum il-festa, il-Banda San Ġorġ reġgħet għamlet marċ f'nofs in-nhar u fit-3.00

p.m. bdiet programm fi *Piazza Antico Mercato* l-Banda *'Duke of Edinburgh'* u ieħor fl-istess ħin il-Banda *'Prince of Wales'* fi *Piazza Santa Margherita.* Fis-7.00 p.m., il-Banda *'Duke of Edinburgh'* bdiet programm ieħor fi *Piazza Antico Mercato'*.[9] Ma' dawn iż-żewġ baned, dak il-jum, kienet ħadet sehem ukoll il-Banda *'King's Own'* li, fl-4.30 p.m. bdiet programm taħt id-direzzjoni ta' Mro Aurelio Doncich. Fir-repertorju tagħha nkludiet sinfonija min-*Norma*, fantasiji mill-*Pescatore di Perle* u mill-*Mifistofile*, filwaqt li temmet il-programm bl-*Ave Maria* ta' Gounod.[10]

Iċ-celebrazzjonijiet li saru f'Bormla fl-1911 kienu jixirqu ferm lill-okkażjoni. Dik is-sena, il-kult lejn il-Konċepiment Immakulat ta' Marija, ġa stabbilit f'din il-belt mijiet ta' snin qabel, ġie solennement eżaltat universalment ukoll.

## Referenzi


1 *'MALTA'* 17 Luglio 1911
2 *Ibid* 23 Agosto 1911
3 *Ibid* 2 Settembre 1911
4 *Ibid* 22 Agosto 1911
5 *'MALTA TAGHNA'* 9 ta' Settembru 1911
6 *'MALTA'* 4 Dicembre 1911
6a *Ibid* 15 Novembre 1911
7 *'MALTA TAGHNA'* 2 ta' Diċembru 1911
7a *Idem*
8 *'MALTA'* 6 Dicembre 1911 u *'MALTA TAGHNA'* 9 ta' Diċembru 1911
9 *'MALTA'* 6 Dicembre 1911
10 *Ibid* 7 Dicembre 1911



